*Messaġġ mis-Surmast Direttur*



Mro. Anthony Borg

# It-tagħlim tal-Mużika



Kulħadd jemmen li l-edukazzjoni hija l-aqwa għodda fl-iżvilupp sħiħ tal-bniedem. Il-bniedem sa mill-qedem fehem li l-importanza tal-mużika fil-ħajja tal-bniedem għaliex il-mużika hija forza importanti ħafna f'ħajjitna. Għalhekk mhux biss huwa importanti li ngħarfu l-importanza tal-mużika, iżda li nħeġġu dejjem aktar nies jitgħallmu l-mużika.

Is-suċċess tat-tagħlim, inkluż dak mużikali jiddependi minn tliet fatturi ewlenin: L-għaqdiet tal-mużika u kif ukoll l-istat, ta' l-għalliema u mhux l-inqas tal-ġenituri. Mingħajr il-parteċipazzjoni attiva u kollettiva bejn dawn it-tliet pilastri fl-edukazzjoni żgur li ma jkollniex ir-riżultati mixtieqa.

Huwa essenzjali li jkollok l-infrastruttura xierqa biex it-tagħlim tal-mużika jkun jista' jitwassal bl-aħjar mod possibbli. L-Għaqdiet Mużikali fil-gżejjer tagħna għandhom jagħmlu dak kollu possibbli biex jipprovdu l-aħjar infrastruttura għat-tagħlim tal-mużika u din għandha tkun ta' prijorità ewlenija għal dawk li jmexxu l-Għaqdiet Mużikali f'pajjiżna. Għalkemm il-mużika hija wkoll hija suġġett fil-kurrikulu edukattiv f'pajjiżna nhoss li għadna ferm 'il bogħod milli nilħqu l-iskop li nħeġġu l-istudenti jifhmu l-importanza tal-mużika fil-ħajja tagħhom. In-nuqqas ta' riżorsi u nuqqas ta' għalliema tal-mużika fl-iskejjel tagħna huma l-fatturi ewlenin li sal-lum dan l-għan mhux qed jintlaħaq.

L-għalliema wkoll għandhom reponsabbiltà kbira f'dan il-qasam. Għandhom id-dmir li jipprovdu l-aqwa u l-aħjar tagħlim lill-istudenti tagħhom. Iridu jibqgħu aġġornati ma' l-iżviluppi li jseħħu matul iż-żminijiet u fuq kollox jkunu ta' eżempju lejn l-istess istudenti tagħhom.

Il-ġenituri wkoll għandhom rwol importanti x'jaqdu. Għandhom id-dmir li jħeġġu lil uliedhom jitgħallmu l-mużika u jsegwu l-progress ta' uliedhom billi jikkollaboraw bis-sħiħ ma' l-għalliema. Flimkien ma' uliedhom għandhom jattendu għal attivitajiet mużikali organizzati kemm fuq livell lokali u kif ukoll nazzjonali.

Sa fejn huwa possibbli għandhom iħeġġu lil uliedhom jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet u fuq kollox jieħdu interess f'dak li jkunu qed jagħmlu uliedhom.

Jekk kulħadd flimkien jagħmel dak kollu mistenni minnu allura nkunu qegħdin niggarantixxu futur isbaħ u aħjar lil uliedna u lis-soċjetà ta' madwarna.

Nixtieq nifraħ lis-Soċjetà Filarmonika La Vittoria f'għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha u kif ukoll lill-Mellieħa Sports Club fl-okkażjoni tal-promozzjonijiet tal-futbol u tal-baskitbol. Nawguralhom lkoll kull suċċess għall-futur.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni ukoll biex nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem u l-appoġġ kontinwu tagħhom biex il-Banda u l-Kor Imperial kellhom sena oħra ta' suċċessi.

**GRAZZI ĦAFNA.**

SAMMY BUTTIGIEG
ĊIKKIES
**FRUIT WHOLESALER**
Eggs, Vegetables and Fruit Supplier to Hotels, Caterers and Vendors.
Il-Mitħna, St. Luke Str., Mellieħa, MLĦ 06 Mob: 9988 3773 Tel: 21 523497, 21 520615